fee due €232.78. 420 PA.

ENVIRONMENT AND PLANNING REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
21 NOV 2019
FLORIANA

19 ta' Novembru 2019

**Tribunal ta' Revizjoni**
**tal-Ambjent u l-Ippjanar**
**Floriana**

| | |
|---|---|
| *Nru. ta' l-Applikazzjoni:* | *PA/4360/18* |
| *Proposta:* | *To sanction the demolition of existing building and construction of farmhous eincluding pool.* |
| *Post:* | *14, Triq il-Madliena, Madliena, Swieqi* |
| *Ref. Taghna:* | |
| *Ref. Tribunal:* | |

**Rikors ta' l-appell ta' Keith Attard Portughes mid-decizjoni ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar**

L-Appellant jesponi bir-rispett:-

I) Illi fis-sena 2018 giet sottomessa din l-applikazzjoni intiza sabiex tinbena proprjeta fil-Madliema limiti ta' Swieqi.

II) Illi permezz ta decizjoni mehuda mill-Awtorita ta' l-Ippjanar u ppublikata fit- 23 ta' Ottubru 2019, l-istess Awtorita ikkonfermat ir-rakkomandazzjoni imressqa lilha mid-Direttorat ta' l-Ippjanar u cahdet l-applikazzjoni.

Bid-dovut rispett, l-appellant jhoss ruhu aggravat minn din id-decizjoni, u ghaldaqstant qieghed jissottometti dan l-appell quddiem it-Tribunal ghar-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (it-Tribunal).

Flimkien ma' din is-sottomissjoni qed jigu annetti:-

- Kopja tad-decizjoni ta' l-Awtorita li qed tigi apellata (Dok JA1).
- L-Ircevuta tal-hlas tad-dritt ta' l-appell (Dok JA2).

L-appellant jissottometti ghal kunsiderazzjoni tat-Tribunal dan li gej:

1. Illi l-ewwel raguni tar-rifjut hija irrilevanti u mhux applikabbli stante li il-proposta hija cara li tkopri is-sanzjonar ta' kull illegalita li seta kien hemm.
2. Illi oltre minn dan, il-propsota hija intiza ukoll sabiex ikun hemm zvilupp mill-gdid tas-sit, u certament li r-regolamenti 17 ta' l-AL 162/16 mhux applikabbli.
3. Illi f' kull kaz ma hemm l-ebda avviz ta' infurza fuq is-sit de quo.
4. Illi it-tieni raguni tar-rifjut hija ukoll zbaljata stante li l-izvilupp huwa ben konformi mal-permessi precedentement approvati fuq is-sit.
5. Illi f' kull kaz certament li l-kummizzjoni setghat facilment tapprova l-istess zvilupp b' varjazzjoni fil-livell tal-basement.
6. Illi l-istess Awtorita diga approvat permess fuq is-sit ta' binja ta' 230 metru kwadru u dan kif jirrizulta mill-minuti tal-laqa ta' l-istess kummissjoni, f' liema kienet diga inghata

decizjoni/direzzjoni li l-binja il-gdida kellha tkun tal-qies tal-binja precedntement approvata.

Ghaldaqstant, l-appellant qed jitlob li l-*files* li ssir referenza ghalihom fil-process ta'l-aplikazzjoni odjerna jigu vverifikati mit-Tribunal u dan billi l-Awtorita' ghandha tigi mitluba sabiex tipprezenta l-*files* msemmija minnha lit-Tribunal, u in segwitu ta' dan l-istess Tribunal ghandu jhassar id-decizjoni ta'rifjut mehuda mill-Awtorita fil-kaz odjern, u tenut kont ta'dak sottomess u li ghad jrid jigi sottomess, jiddeciedi l-applikkajoni billi, jilqa it-talba ta' l-appellant u jordna li jinhareg il-permess relattiv, u dana taht, u minnghajr pregudizzju ghal kull decizjoni jew provvediment iehor li joghgbu jiehu dan it-Tribunal.

**Av. Ian J. Stafrace**
**9/4 Britannia House, Old Bakery Street, Valletta**

**Lista ta' xiedha:**

Konsulenti interni u esterni ta' l-Awtorita kif ukoll ufficjali ta' l-istess sabiex jixdhu fuq il-fatti tal-kaz u kazijiet simili, kif ukoll dwar il-policies vigenti.

**Av. Ian J. Stafrace**
**9/4 Britannia House, Old Bakery Street, Valletta**